ĠENSNA



KITBA U RIĊERKA PROF. RAYMOND MANGION ©

# MARIJA ABDILLA (31.10.1921 – 20.1.2019)



Maria fuq wara tal-ġenituri tidher bil-wieqaf u fin-nofs ta' ħutha fl-1935
(C) Barbara Attard

Marija Konsilja twieldet fil-Qrendi, bint Karmenu 'tal-Muġura' u Barbara xebba Formosa 'Ta' Katuħa'. Hija ngħatat l-ismijiet 'Maria Consiglia, Giovanna, Calcedonia'. Hija kienet il-kbira fost sitt aħwa li għexu u kibru. Hija kienet prima kuġina tal-eks-deputat Laburista taż-Żurrieq is-Sur Rokku Abdilla. Ir-razza tagħha kienet fergħa oħra li tnisslet miż-żwieġ ta' Teramo u Agata miż-Żurrieq li kien imur lura sat-tieni nofs tas-seklu sittax.

Marija Konsilja, jew Marija kif kienet magħrufa fil-familja, tnisslet minn familja rurali tassew qadima fin-nofsinhar ta' Malta. Hija trabbiet f'ħanut tal-laħam u tal-merċa (Nru 18) kif ukoll f'ħanut tax-xorb (Nru 19) li kienu jmissu mad-dar (Nru 20) fi Triq il-Kbira, il-Qrendi. Madanakollu, hija kellha rotta oħra lesta għal ħajjitha.

Hija ppreferiet li tagħżel id-destinazzjoni li kellha twassalha u ddaħħalha fil-masġar għammiel tat-tagħlim u tat-taħriġ. Hija attendiet mill-ewwel sar-raba' standard fl-Iskola Primarja Governattiva 'ta' Dun Sant' (jew iktar tard 'L-Iskola l-Qadima') fil-Qrendi fi żmien meta t-Taljan kien għadu lingwa uffiċjali u mandatorju fil-qasam tal-istruzzjoni.

Infatti, hija kienet tirrakkonta li dak iż-żmien il-ktieb ta' Aldo Farini 'Fior del Mondo' kien għadu wieħed mit-testi tal-istudju. Hija kienet studenta tal-ħames standard fl-Iskola Primarja Governattiva taż-Żurrieq u minn hemmhekk marret ukoll għal snin sħaħ fl-Iskola Sekondarja tal-Gvern ħdejn il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

Marija għażlet li tagħmel karriera fil-qasam tal-edukazzjoni billi ingaġġat bħala għalliema fl-Iskola tal-Infants f'raħal twelidha l-Qrendi fis-7 ta' Marzu 1943. Hija damet tgħallem hemmhekk 13-il sena sħaħ. Imbagħad, hija ngħatat il-kariga ta' Assistent Kap fl-Iskola Primarja Governattiva tal-Qrendi (1956-58).

Sadanittant, hija segwiet kors ta' sitt xhur f'Digby Stuart, Roehampton, l-Ingilterra u nħatret Madâm fl-Iskola Primarja Governattiva ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi (1958-65). Hija laħqet Surmast tal-Iskola taż-Żgħar fiż-Żurrieq (1965-71) u fl-Iskola Primarja Governattiva ta' Ħal Luqa (1971-76) sakemm kienet fl-aħħar fl-Iskola Primarja Governattiva ta' Ħal Tarxien fejn damet sakemm irtirat u ħarġet bil-pensjoni (1976-81).

Is-Sinjora Abdilla kienet popolarment magħrufa bħala 'Ms. Barbrija' għaliex kien hemm Ms Abdilla 'Tat-Torri' fil-Qrendi. Marija kienet tħobb profondament il-professjoni tagħha u l-edukazzjoni in ġenerali fi żmien



Mangion (C)

meta għalliema ma setgħetx tkun miżżewġa tant li hija kien ikollha tirreżenja jekk tagħżel li tiżżewweġ.

Marija kienet mara koerenti u attenta ferm. Hija kienet miżgħuda bil-vokazzjoni u bil-missjoni u minn dejjem u sal-aħħar fehmet id-destin li l-iskola kienet żammitha ankrata fix-xbubija. Madanakollu, hija kienet sa minn ċkunitha tgħid lil ommha Barbri illi kieku kellha tiżżewweġ u kieku kellha jkollha tifla, kieku kienet issemmiha Geltrude billi din il-Qaddisa kienet devota tal-Qalb ta' Ġesù u tal-Ewkaristija.

Marija kienet mara serjissima fid-dmirijiet tagħha. Hija għallmet jew iddiriġiet ġenerazzjonijiet ta' alunni u studenti. Hija kienet iżżomm iebes man-nisa li

> *Marija kienet mara serjissima fid-dmirijiet tagħha. Hija għallmet jew iddiriġiet ġenerazzjonijiet ta' alunni u studenti*

ma kinux jibagħtu lil uliedhom l-iskola fi żmien l-Attendenza Obbligatorja jew qabel ma l-Gvern għadda l-leġislazzjoni li permezz tagħha introduċa l-Edukazzjoni Obbligatorja (Ordinanza Nru II tal-1946).

Is-Sinjorina Abdilla ħadmet ukoll qatigħ fil-qasam pastorali fi ħdan il-parroċċa tal-Qrendi taħt diversi kappillani fuq firxa ta' kważi ħamsin sena. Hija kienet mara saqajha mal-art, qatt ma fittxet unuri u tat kontribut kbir lill-poplu tagħha senza interessi anzi kulma għamlet fittxet li tagħmlu b'imħabba kbira. Hija kienet impekkabbli f'kulma tagħmel sew jekk taqbad tagħen fid-dar, sew jekk tħaddem pinna fl-iskola.

Marija kienet mara umli bil-bosta. Hija trabbiet f'familja agrikola iżda tgħallmet sew l-iskola u b'riħet t'hekk kienet tikkombina u saħansitra twaħħad b'faċilità l-ħajja rurali mal-aspetti tal-belt. Hija kienet mara ma taqta' qalbha minn xejn u kienet tipprova tlaħħaq anki ma' kull ħidma li kienet tinqala' bejn l-erba' ħitan tad-dar minkejja l-pożizzjoni tagħha ta' responsabilità bħala istruttriċi kif ukoll bħala amministratur fil-qasam tal-edukazzjoni. Ħutha baqgħu u mietu għożżieba għajr għal huha Salvu.

Marija kienet abbli immens biex tispjega u tikkonversa dwar varjetà ta' temi, affarijiet kurrenti kif ukoll tagħrif ġenerali. Hija kellha memorja kollettiva mill-iktar estensiva dwar il-Qrendi li kienet infallibbli. Hija kienet taf raħal twelidha bieb, bieb, u damet snin sħaħ tiltaqa' u tispjega fid-dettall lill-awtur ta' din il-biografija qasira l-ġrajjiet u l-aneddoti dwar niesha u ħajjiethom.

Marija sabet ukoll ħin meta kienet irtirata biex tinseġ kwadretti dwar personaġġi importanti mill-Qrendi. Hija tefgħet ħafna dawl fuq il-qarib tagħha u wieħed mill-personaġġi ta' referenza fil-karriera tagħha, Dun Sant Agius, li kien il-fundatur tal-Iskola Primarja tal-Qrendi (jew 'L-Iskola l-Qadima') u li kien saħansitra ġibed l-attenzjoni ta' Ġwann Mamo li semmieh speċifikament f''Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka', jiġifieri fl-ewwel rumanz soċjali fil-Istorja tal-Letteratura Maltija.

Is-Sinjorina Abdilla kienet se ttir bil-ferħ meta l-Kunsill Lokali tal-Qrendi inawgura l-bust ta' Dun Sant Agius li nħadem mill-iskultur Noel Galea Bason, li kien sponsorjat mis-Sur Mattew Magro, u li nkixef fl-Iskola Primarja Governattiva 'Skola Filippu Zammit' tal-Qrendi fl-20 ta' Frar 2016. Marija tkellmet fl-okkażjoni billi qrat kitba dwar Dun Sant Agius li hija nisġet u sejset fuq riċerka dokumentata u dettalja bl-għajnuna tal-awtur ta' dan il-profil ċkejken.

Marija fl-aħħar ta' ħajjitha ngabret mal-familja ta' ħuha Salvu f'Ħal Far.

Hija mietet fl-età venerabbli ta' 97 sena fl-Isptar Mater Dei, l-Imsida, u ndifnet fiċ-Ċimiterju tal-Qrendi. Hija kienet għadha luċidissima u tassew sinċiera fit-tifkiriet tagħha sal-aħħar nifs ta' ħajjitha. Bla dubju ta' xejn, Marija jixraqilha li tibqa' magħrufa fil-ġejjieni billi b'viżjoni u b'rieda tajba tissemma għaliha l-ewwel triq ġdida li se tinfetaħ fil-Qrendi.



Ritratt minn Barbara Attard (c)




L-arma tal-familja Abdilla kif tidher f'repertorju qadim ħafna (numru 645) li jinsab fis-sezzjoni tal-munuskritti fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta.

Biblijografija:
RPM, Twelidijiet 6224/1921; Imwiet 443/2019; Deborah Mifsud, 'Bust ġdid li jsellem lil Dun Sant Agius – Fundatur tal-Iskola fil-Qrendi', Soċjetà Filarmonika Lourdes Qrendi, Festa 2016, paġni 117-119; bosta kommunikazzjonijiet personali li bdew mis-17.9.2006.